MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum id-19 ta' Diċembru, 2018

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1950/2018/1 LM

**Romy Foods Corporation Limited (C63159)**
**bl-indirizz ta'reġistrazzjoni 3, Pjazza Indipendenza, Valletta**

***vs.***

**Casasoft Limited (C49034) bl-indirizz ta' reġistrazzjoni 6, Flat 4, Spencer Flats, Triq Dun Ġorġ Preca, Ħamrun**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Romy Foods Corporation Limited** (C63159) li ġie ppreżentat fit-30 ta' Novembru, 2018, li jgħid:

*Illi l-esponenti sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, tixtieq iżżomm lill-intimata milli tbiegħ u/jew tittrasferixxi, jew b'xi mod tuża, iżżomm, taċċessa jew tippermetti lil terzi jagħmlu l-istess oltre s-soċjetà esponenti bi ksur tad-drittijiet tagħha, senjatament id-domain names amealforameal.com, bonculina.com, bonculina.co.za, bonculina.it, fiffis.co.za, fiffis.it, nightmenus.co.za, nightmenus.com, nightmenus.it, romyfoods.co.za u romyfoods.it;*

*Billi s-soċjetà esponenti Romy Foods Corporation Limited sa mis-sena 2013, ilha tiġġestixxi l-kummerċ bħala konċessjonarja (franchisor) fis-settur tal-ikel, catering u food service għall-bejgħ u tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-ikel iffriżati esklussivament permezz ta' online portals ikkreati mis-soċjetà esponenti (Dok. RF1), u dan taħt numru ta' ditti (brands) u marki liċenzjati esklussivament lis-soċjetà esponenti mis-soċjetà prinċipali (parent company) tagħha senjatament is-soċjetà Torus Pak Research & Development Sarl (TPRD), soċjetà rreġistrata ġewwa l-Lussemburgu (Dok. RF2);*

*Billi s-soċjetà esponenti għandha diversi ditti (brands) li topera taħthom fosthom 'ROMY FOODS', 'FIFFIS', 'BON CULINA', 'A MEAL FOR A MEAL' u 'NIGHT MEALS', uħud minnhom huma wkoll marki u/jew ditti liċenzjati lilha u rreġistrati f'isem TPRD jew b'applikazzjonijiet ta' reġistrazzjoni pendenti kemm bħala reġistrazzjonijiet internazzjonali mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO), trademarks tal-UE mal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), kif ukoll marki reġistrati u/jew applikazzjonjiet għar-reġistrazzjoni fir-Renju Unit, fis-Sud Afrika, fl-Amerika, f'Singapore u anke l-Messiku (Dok. F3). Is-soċjetà esponenti teżerċita wkoll il-kummerċ tagħha taħt diversi ismijiet (trade names), fosthom 'NIGHT MEALS', liema ismijiet mhumiex irreġistrati u m'hemmx applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tagħhom, iżda ilhom żmien twil użati fil-kummerċ da parti tas-soċjetà esponenti;*

*Billi fl-2014 is-soċjetà esponenti nnominat lis-soċjetà Casacroft Ltd bħala IT developer, sabiex tikkreala websites u software relatat mal-online portals tas-soċjetà esponenti u tat istruzzjonijiet sabiex tirreġistra u timmantjeni numru konsiderevoli ta' domain names li jqarrbu madwar il-mitt domain name madwar id-dinja kollha bil-marki u/jew ditti liċenzjati tas-soċjetà esponenti (Dok. RF4);*

*Billi s-soċjetà esponenti fit-28 ta' Novembru 2018 skopriet li numru minn dawn id-domain names li s-soċjetà intimata kienet imqabbda li tirreġistra għan-nom tas-soċjetà esponenti, fil-fatt u kontra kull intendiment u l-istruzzjonijiet bejn il-partijiet,*

*irreġistrathom fuq isimha stess minflok fuq isem is-soċjetà esponenti, u dan speċifikament fir-rigward tad-domain names amealforameal.com, bonculina.com, bonculina.co.za, bonculina.it, fiffis.co.za, fiffis.it, nightmenus.co.za, nightmenus.com, nightmenus.it, romyfoods.co.za, romyfoods.it,, liema reġistrazzjoni ta' dawn id-domain names f'isem is-soċjetà intimata jikser id-drittijiet intellettwali u jikkonsisti f'konkorrenza sleali da parti tas-soċjetà intimata barra l-att ta' mala fede da parti tal-istess soċjetà intimata, fil-konfront tas-soċjetà esponenti (Dok. RF5);*

*Billi l-aġir sleali u llegali tas-soċjetà intimata qed jippreġudika l-interessi tas-soċjetà esponenti billi jċaħħadha milli topera u tikkontrolla d-domain names in kwistjoni, liema domain names jinkludu ditti, trade names u marki tagħha, kif tixtieq hi bħal ma huwa dritt tagħha;*

*Billi fost l-oħrajn, l-inaċċessibilità tal-website bid-domain name 'nightmenus.com' qed twaqqaf lis-soċjetà esponenti milli topera u tikkummerċjalizza s-servizz li qed toffri għall-bejgħ taħt id-ditta 'Night Menu' ma' diversi lukandi klijenti prospettivi tagħha u dana minħabba l-fatt li l-kummerċ tagħha huwa esklussivament iġġestit permezz tal-Online portals kif diġà spjegat aktar 'il fuq. Dan il-fatt qed iwassal għat-telf ta' reputazzjoni mal-lukandi klijenti u klijenti prospettivi tas-soċjetà esponenti (Dok. RF6);*

*Billi fost l-oħrajn, l-inaċċessibilità tal-website bid-domain name 'amealforameal.com' qed twassal għat-telf tar-reputazzjoni tas-soċjetà esponenti kif ukoll telf ta' kummerċ stante l-fatt li dan il-kunċett ta' 'A Meal for a Meal' ġie kkreat bħala corporate social responsibility project (CSR) da parti tas-soċjetà esponenti b'kollaborazzjoni ma' SOS Malta (Dok. RF7);*

*Billi b'riżultat tal-ksur tad-drittijiet intellettwali tas-soċjetà esponenti a tenur tal-artikolu 10 tad-Direttiva (EU) 2015/2436 dwar it-Trademarks u l-konkorrenza sleali a tenur tal-artikolu 32 tal-Kodiċi Kummerċjali da parti tas-soċjetà intimata Casacroft Ltd. fir-rigward tas-soċjetà esponenti kif ukoll il-ksur tal-ftehim bejn il-partijiet fejn l-istruzzjonijiet lis-soċjetà intimata kienet li tirreġistra d-domain names kollha rikjesti f'isem is-soċjetà esponenti u mhux f'isem l-intimata, id-drittijiet tas-soċjetà esponenti ġew u għadhom qegħdin jiġu ppreġudikati u jekk is-soċjetà intimata ma tiġix inibita kif rikjest, ser jiġu ppreġudikati b'mod irrimedjabbli;*

*Billi, l-istess aġir sleali u illegali tas-soċjetà intimata qiegħed jirreka danni irreparabbli li jiżdied kuljum lis-soċjetà esponenti;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi u in kawtela tal-istess drittijiet tagħhom, is-soċjetà esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tinibixxi lis-soċjetà intimata milli tbiegħ u/jew tittrasferixxi jew b'xi mod tuża, iżżomm, taċċessa, jew tippermetti lil terzi persuni jagħmlu l-istess, oltre s-soċjetà esponenti, bi ksur tad-drittijiet tagħha senjatament id-domain names amealforameal.com, bonculina.com, bonculina.co.za, bonculina.it, fiffis.co.za, fiffis.it, nightmenus.co.za, nightmenus.com, nightmenus.it, romyfoods.co.za, u romyfoods.it.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata b'riservi għal kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjetà esponenti.*

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Novembru, 2018 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat illi s-soċjetà intimata **Casasoft Ltd** ġiet debitament notifikata bir-Rikors fit-30 ta' Novembru, 2018.

Rat ir-Risposta tas-soċjetà intimata **Casasoft Ltd** (C49034) ippreżentata fil-5 ta' Diċembru, 2018, fl-atti ta' dan il-mandat, li tgħid kif ġej:

*Illi l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Eżempju żgħir tal-inkorrettezzi li hemm fir-rikors promutur hu dak li jingħad rigward il-websites amealforameal.com u nightmenus.com. Il-website amealforameal.com waqfet għax ir-rikorrenti ma wieġbux għat-talba jekk ridux iġeddu u fil-fatt naqsu milli jħallsu għat-tiġdid u fir-rigward ta' nigthmenus.com ħadd ma indika lill-intimati li din kienet waqfet topera.*

*Illi fir-rigward tal-inaċċessibilità tal-website bid-domain name 'nightmenus.com', l-esponenti jirrilevaw li huma qatt ma ġew mgħarrfa mir-rikorrent li din il-website kienet inaċċessibbli. Ir-rikorrent però, intant, la għadu ħallas lil CasaSoft biex inbniet il-website (Invoice #953), l-anqas biex tinżamm aċċessibbli u lanqas ħallas għal għajnuna teknika (Invoice #924), ukoll ma ħallasx sabiex inxtara d-domain (Invoice #904). L-istess invoices qed jiġu annessi ma' din ir-risposta bħala Dok. MC1.*

*Fir-rigward tal-inaċċessibilità tal-website amealforameal.com, l-intimat kien informa lir-rikorrent fit-8 ta' Ottubru, 2018 li mhux ser jibqa' jħallas għaliha jekk ma jitħallasx. Ir-rikorrent ma tax kas u ma ħallasx lanqas għat-tiġdid tagħha. Din il-korrispondenza qed tiġi annessa fid-dokument Dok. MC2 imsemmi 'A Meal for a Meal Renewal Request Emails.pdf' u flimkien ma' "Invoice #1051" li hija komunikazzjoni li titlob għall-ħlas biex tista' tibqa' operanti din l-istess website. Ir-rikorrent minkejja dan l-avviż baqa' ma ħallasx.*

*Illi fil-fatt rigward is-segwenti domains, amealforameal.com, bonculina.com, bonculina.co.za, bonculina.it, fiffis.co.za, nightmenus.co.za, nightmenus.com, nightmenus.it, romyfoods.co.za, u romyfoods.it, l-intimat applika għalihom fuq struzzjonijiet tar-rikorrent u dan għaliex ir-rikorrent xtaq lil CasaSoft teħodlu ħsieb ta' dawn l-istess domains. Dawn ħarġu b'dawk id-dettalji minħabba li l-operaturi ħarġuhom hekk fuq isem min kien qiegħed iħallas. L-esponent ma jsib ebda oġġezzjoni li dawn id-dettalji fl-isem jiġu kkorreġuti.*

*Intant minn dawn l-istess domains imsemmija u oħrajn magħhom, is-segwenti domains kollha għadhom mhux imħallsa għat-tiġdid tagħhom hekk kif maħruġ fl-istatement ta' Novembru, 2018:*

*Fiffis.co.uk, fiffis.com, fiffis.dk, fiffis.eu, fiffis.fi, fiffis.no, fiffis.se, lunchanddinner.co, lunchanddinner.com.mt, lunchanddinner.eu, lunchanddinner.info, lunchanddinner.se, lunchdinner.se, romyfoods.com, romyfoods.eu, romyfoods.org, nightmenus.com, varsagodonline.com, varsagod-online.se, bonculina.com, bonculina.se.*

*Illi intant ukoll il-kontroll ta' dawn id-domains qiegħed fuq id-ditta CasaSoft għaliex kien ir-rikorrent stess li ried lil CasaSoft tieħu ħsieb u topera dawn id-domains bi ħlas kif maqbul u kontrattat bejn iż-żewġ partijiet. Ma kien hemm ebda qerq jew intenzjonijiet ħżiena kif qed jittenta jpinġi r-rikorrent.*

*Illi d-ditta intimata ħolqot is-sistema elettronika tad-ditta rikorrenti sa mill-bidu tal-operazzjoni tagħha – u dan għamlitu b'suċċess tant li d-ditta rikorrenti dejjem baqgħet tuża s-servizzi tal-intimati;*

*Illi d-ditta rikorrenti bdiet tagħmel l-allegazzjonijiet indikati f'dan ir-rikors biss wara li Mark Cassar ta' CasaSoft Ltd beda jibgħat emails lil Rickard Gillblad ta' Romy, li fihom kien qed jimbotta u jinsisti biex l-istess Romy tħallas dejn għal servizzi reżi; liema dejn issa ilaħħaq l-ammont ta' €50,475.40. Anness bħala Dok. MC3 hu prospett tad-dejn dovut;*

*Illi fil-fatt bejn it-30 ta' Novembru 2018 u ċioe fil-għodu qabel ma CasaSoft kien irċieva l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni, CasaSoft kien ippreżenta fil-Qorti ittra uffiċjali li kopja tagħha qiegħda tiġi hawn annessa bħala Dok. MC4;*

*Illi l-esponenti ma wettqu ebda qerq u ma għamlu l-ebda azzjoni li tikser il-liġijiet indikati fir-rikors tar-rikorrenti; u mhux minnu li l-intimati rreġistraw xi websites f'isimhom kontra xi struzzjonijiet partikolari tar-rikorrenti;*

*Illi hu evidenti li r-rikorrenti kienu komdi li dawn il-websites kienu f'isem l-intimati – anzi riduhom hekk, biex dawn jiġu amministrati mill-istess intimati li ukoll kienu qed iħallsu għad-domains bl-intiża li jiġu riżarċitati għall-ispejjeż minfuqa u mħallsa għal dan is-servizz li mhuwiex wieħed żgħir;*

*Illi fil-fatt parti mill-mansjoni tal-esponenti kien proprju dan u anzi dan kien wieħed mis-servizzi li għalih ir-rikorrenti kienu qed jonqsu milli jħallsu. Minkejja dan, l-esponenti baqgħu jħallsu għad-domains – iżda ovvjament mhux bi ħsiebhom jibqgħu jagħmlu dan jekk ir-rikorrenti jonqsu milli jħallsu għall-ispejjeż u għas-servizz offrut;*

*Illi l-iskop tal-mandat odjern preżentat mir-rikorrenti kien proprju biex jittentaw jieħdu f'idejhom websites li qed jamministraw l-intimati fuq ordni tar-rikorrenti u dan meta l-intimati dejjem baqgħu joperaw, isewwu u jtejbu u jagħtu servizz lill-istess websites. Dan il-bdil ir-rikorrenti jriduh biex ikunu aktar komdi jevadu l-pagamenti li għandhom jagħtu lill-istess intimati;*

*Illi intant l-esponenti ma huma bi ħsiebhom li jagħmlu ebda waħda mill-atti u fatti li dwarhom ħareġ il-mandat u għalhekk f'dan is-sens dan il-mandat hu frivolu;*

*Illi l-intimati intant jinsistu għall-ħlas ta' dak dovut lilhom għas-servizzi u spejjeż magħmula kif fuq ingħad. Jekk ir-rikorrenti ma jridux ikomplu jaħdmu mal-intimati allura jistgħu jagħżlu li ma jġeddux il-kuntratt li issa skada – imma ma jistgħux jużaw lanjanzi infondati jew frivoli biex ma jħallsux dak dovut minnhom;*

*Illi l-esponenti ma rrekaw u ma jistgħu jirrekaw ebda danni lir-rikorrenti u ma jistgħu jagħmlu ebda konkorrenza sleali kontra r-rikorrenti anki għaliex l-intimati, fil-kummerċ tagħhom lanqas biss joperaw fl-istess linja ta' kummerċ tar-rikorrenti. Huma dejjem onoraw l-obbligi tagħhom tant li ilhom joperaw għad-ditta rikorrenti għal snin sħaħ.*

*Illi ma jeżistux il-kondizzjonijiet u elementi neċessarji biex joħroġ il-mandat ta' inibizzjoni mitlub mir-rikorrenti – fosthom ma hemm xejn li jista' joħloq ħsara irreparabbli tant li r-rikorrenti stess jindikaw li possibilment l-unnika ħaġa li jistgħu jsofru huma danni pekunjarji li pero' lanqas biss huma pruvati jew likwidati. Hemm diversi sentenzi dwar dan il-punt.*

*Illi referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet 'Awtorità tad-Djar vs Ranier Xuereb' – Mandat ta' Inibizzjoni 1202/17 deċiż minn din l-Onorabbli Qorti kif preseduta fil-31 ta' Awwissu, 2017.*

*Il-Qrati tennew li t-tieni element rikjest sabiex Qorti tkun tista' tilqa' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, hu l-preġudizzju irrimedjabbli. Il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat hu preġudizzju 'li ma jkunx jista' jiġi rimedjat'. Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Jannar 1993 fil-każ fl-ismijiet Avukat Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et noe qalet hekk: "jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat."*

*Illi ukoll jekk kien l-intimat li kontra ħlas u fuq struzzjonijiet tar-rikorrent irreġistra domains f'ismu imma biex jaqdi lill-klijent tiegħu ma jistax issa r-rikorrent jgħid li għandu dritt li filwaqt li ma jħallasx lill-esponent jibqa' juża s-servizzi tiegħu – għalhekk ukoll l-ewwel element meħtieġ għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u ċioe d-dritt 'prima facie' li suppost għandu bżonn jiġi protett hu nieqes.*

*Illi l-intimat fuq struzzjonijiet tar-rikorrent xtara domains li fuqhom qiegħed il-websites u email addresses tar-rikorrent u baqa' jħallas għalihom hu kull sena kemm jekk ġie mħallas mir-rikorrent kemm jekk le. Kieku l-intimat ma baqax iħallas (għax ir-*

*rikorrent waqaf iħallsu) dawn id-domains kienu jerġgħu joħorġu fis-suq u jkun jista' jixtrihom min irid mingħand is-sid tad-domain (Domain Registry).*

*Illi r-rikorrent evidentement irid il-kontroll biex ikun jista' jkompli jaħdem bix-xogħol tal-intimati li għalih l-istess rikorrent għad għandu jagħti bilanċ sostanzjali.*

*Għaldaqstant ir-rikors tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet lix-xhud Mark Cassar in rappreżentanza tas-soċjetà intimata Casasoft Limited.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Diċembru, 2018 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz tar-rikors tagħha għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti żżomm lis-soċjetà intimata milli tbiegħ, u/jew tittrasferixxi, tuża, iżżomm, taċċessa jew tippermetti lil terzi jagħmlu l-istess fir-rigward ta' numru ta' *domain names* li jappartjenu lis-soċjetà rikorrenti, u li hija kienet inkarigat lis-soċjetà intimata biex tiġġestihom. Is-

soċjetà rikorrenti spjegat kif ilha mis-sena 2013 tiġġestixxi negozju bħala konċessjonarja fis-settur tal-ikel, permezz ta' diversi portali *online,* kif ukoll billi topera diversi ditti, uħud minnhom liċenzjati esklussivament lilha permezz ta' reġistrazzjonijiet internazzjonali ma' diversi entitajiet internazzjonali tal-proprjetà intellettwali. Ġie spjegat li fis-sena 2014, is-soċjetà rikorrenti inkarigat lis-soċjetà intimata bħala *IT developer* sabiex toħdilha ħsieb il-*websites* u s-*software* relatat mal-portali *online* li għandha r-rikorrenti, kif ukoll tat struzzjonijiet speċifiċi biex jiġu rreġistrati għadd ta' *domain names* li jappartjenu lis-soċjetà rikorrenti. Mill-provi rriżulta li s-soċjetà intimata rreġistrat numru minn dawn id-*domain names* f'isimha stess, liema att is-soċjetà rikorrenti tgħid li jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali li hija għandha, filwaqt li qiegħda ssofri preġudizzju minħabba li n-nuqqas ta' operat u ta' kontroll ta' dawn id-*domain names* qiegħed iwassal għal telf tar-reputazzjoni li hi tgawdi mal-klijenti tagħha, filwaqt li jeżisti s-sogru li s-soċjetà intimata tippermetti lil terzi jixtru jew jagħmlu użu mill-istess ismijiet ad insaputa tar-rikorrenti u b'dannu għaliha.

Is-soċjetà intimata min-naħa tagħha wieġbet li l-allegazzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Spjegat li s-soċjetà rikorrenti naqset milli tħallas għat-tiġdid tal-użu ta' ċertu *domain names,* filwaqt li *domains* u *websites* oħrajn waqfu joperaw, u dan minkejja li kienet inkarigat lis-soċjetà intimata sabiex tiġġestixxi l-parti teknika marbuta mar-reġistrazzjoni tad-*domain names,* tal-*websites* u tas-sistema tal-*emails* tar-rikorrenti. Is-soċjetà intimata qalet li kellha tirċievi somom ta' flus mingħand ir-rikorrenti b'rabta ma' servizzi varji offruti lilha mis-soċjetà intimata,

fosthom il-bini ta' *websites* li s-soċjetà rikorrenti naqset li tħallas għalihom, nuqqas ta' ħlas għat-tiġdid ta' diversi *domains,* u servizzi tekniċi oħra li ġew ipprovduti lis-soċjetà rikorrenti. Ġie spjegat li l-kontroll tad-*domains* qiegħed f'idejn s-soċjetà intimata wara li kienet is-soċjetà rikorrenti li talbitha tibda tieħu ħsieb topera dawn id-*domains* bi ħlas, għalkemm sussegwentement irriżulta li s-soċjetà rikorrenti naqset milli tħallas għal diversi servizzi reżi mis-soċjetà intimata, tant li fl-istess ġurnata li s-soċjetà rikorrenti ppreżentat ir-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, is-soċjetà intimata bagħtet interpellazzjoni ġudizzjarja lis-soċjetà rikorrenti sabiex din tħallasha dak dovut minnha għas-servizzi reżi lilha.

**<u>Provi u riżultanzi:</u>**

Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat diversi dokumenti marbuta man-negozju ġestit minnha[1], *print-out* li tindika li d-*domain name* amealforameal.com ma baqax disponibbli meta wieħed ifittxu fuq is-sistema *Google*[2]*,* dettalji dwar il-kumpanniji inkwistjoni mir-Reġistru tal-Kumpaniji[3], dettalji dwar ir-reġistrazzjoni tad-diversi marki kummerċjali tas-soċjetà rikorrenti[4], kif ukoll kopja ta' korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' wħud mid-*domain names* imsemmija.[5] Ġiet ippreżentata

[1] *A fol.* 5 *et seq* tal-proċess.
[2] *A fol.* 12 tal-proċess.
[3] *A fol.* 13 tal-proċess.
[4] *A fol.* 14 tal-proċess.
[5] *A fol.* 52 tal-proċess.

wkoll dokumentazzjoni marbuta max-xogħol li tagħmel is-soċjetà rikorrenti u mal-kunċetti żviluppati minnha fil-qasam tan-negozju li fih topera.

Is-soċjetà intimata min-naħa tagħha esebiet diversi *emails* bil-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet[6], diversi *invoices* li ntbagħtu lis-soċjetà rikorrenti u li baqgħu mhux imħallsa[7], kif ukoll kopja ta' ittra uffiċjali mibgħuta lis-soċjetà rikorrenti fl-istess ġurnata li fiha ġie intavolat dan il-Mandat, sabiex isir ħlas ta' dak kollu dovut mis-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà intimata.

Fl-udjenza tal-11 ta' Diċembru 2018, il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' **Mark Cassar**, direttur tas-soċjetà intimata, li spjega li s-soċjetà intimata tipprovdi servizzi fil-qasam tat-teknoloġija tal-informatika, fosthom ix-xiri ta' *domains, websites* u d-disinn ta' *software* lil klijenti li ħafna drabi ma jkollhomx għarfien tekniku. Qal li l-prassi f'din il-linja ta' xogħol hi li klijent li ma jkunx tekniku jappunta persuna jew kumpannija teknika biex teħodlu ħsieb dan l-aspett tan-negozju bħad-*domains,* il-*websites* u s-servizz tal-*emails*, li għalih isir ħlas fis-sena. Hu spjega li wara li jinxtara d-*domain,* is-soċjetà intimata tibqa' tieħu ħsiebu biex ikun jista' jibqa' tal-persuna li tkun talbet l-akkwist tiegħu f'isimha. Ix-xhud spjega li huma kienu ilhom jaħdmu mas-soċjetà rikorrenti għal aktar minn ħames snin, u li matulhom kienu bnewlhom sistema speċifika għalihom, kif ukoll ipprestawlhom diversi servizzi fosthom l-iffaċilitar ta' konferenzi *online,* il-bini ta' diversi *websites,* kif ukoll il-ħarsien u l-ġestjoni tad-*domains* kollha li s-soċjetà rikorrenti kellha rreġistrata f'isimha. Ix-xhud spjega kif minkejja li s-soċjetà rikorrenti naqset milli tħallas għal diversi mis-servizzi

[6] *A fol.* 88 tal-proċess.
[7] *A fol.* 91 *et seq* tal-proċess.

pprovduti lilha mill-intimata, is-soċjetà intimata baqgħet tagħmel ħlasijiet annwali sabiex tipproteġi d-*domains* tar-rikorrenti u dan sabiex jiġi evitat li dawn jiġu rilaxxjati u jittieħdu minn terzi. Filwaqt li x-xhud ikkonferma li s-soċjetà intimata għandha tieħu ħlas ta' aktar minn ħamsin elf Euro (€50,000) mingħand is-soċjetà rikorrenti, hu qal li bħala kumpannija huma ma setgħux jitilqu d-*domains* għaliex kieku jagħmlu hekk dawn faċli jittieħdu minn terzi, u għalhekk assumew responsabbilità għall-ħlas tagħhom anki meta ma kinux qegħdin jitħallsu għas-servizz mis-soċjetà rikorrenti. Ix-xhud qal li s-soċjetà rikorrenti qatt ma talbet li tieħu l-ġestjoni tad-*domains* f'isimha, u li din kienet inkarigat lis-soċjetà intimata sabiex tieħu ħsieb l-aspett tekniku hi, u dan minħabba li hija kellha nuqqas ta' għarfien tekniku min-naħa tagħha. Ix-xhud qal ukoll li hu m'għandu l-ebda problema li jaqleb l-ismijiet tad-*domains* li huma rreġistrati fuq is-soċjetà intimata għal fuq is-soċjetà rikorrenti. Waqt ix-xhieda tiegħu Mark Cassar ikkonferma li hemm aktar minn għoxrin *domain* li minkejja li ġew irreġistrati fuq struzzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti, huma rreġistrati f'isem is-soċjetà intimata. Ix-xhud ikkonferma wkoll li s-soċjetà rikorrenti talbet speċifikament li l-ġestjoni tad-*domains* issir mis-soċjetà intimata. Mistoqsi dwar id-diversi ineżattezzi jew addirittura żbalji li ġie allegat li jeżistu minkejja r-reġistrazzjonijiet li saru, ix-xhud qal li la hu u lanqas l-esponenti tas-soċjetà rikorrenti ma kienu konxji dwar dan, u attribwixxa dawn l-iżbalji għall-fatt li ċerta *data* ddaħħlet fis-sistema b'mod awtomatizzat. Ix-xhud ikkonferma li s-soċjetà rikorrenti bħala klijenta, talbet li tingħata l-kontroll fuq is-sistema tal-*emails,* liema kontroll ingħatalha. Madanakollu hu qal li ma tistax tingħata *handover* ta' dak kollu li talbitu s-soċjetà rikorrenti

minħabba li fil-*login details* hu għandu d-dettalji ta' diversi klijenti u għalhekk ma jistax jaqbad u jagħti ċ-ċavetta lis-soċjetà rikorrenti biex tieħu kontroll totali fuq ix-xogħol kollu li s-soċjetà intimata ntalbet tagħmel.

Ix-xhud qal li x'aktarx li fir-rigward ta' dawk id-*domain names* li ġew irreġistrati direttament fuq is-soċjetà intimata minflok fuq is-soċjetà rikorrenti, sar żball u qal ukoll li hu m'għandux problema biex jittrasferixxi dawn id-*domain names* fuq is-soċjetà rikorrenti. Qal ukoll li hu m'għandux problema jgħaddi l-ġestjoni tad-*domains* lis-soċjetà rikorrenti..

## <u>Konsiderazzjonijiet legali</u>

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-Mandat.

Skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista’ jkun ta’ preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, ’l hekk imsejjaħ *periculum in mora*;[8]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta’ preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta’ preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed “li ma jkunx jista’ jiġi rrimedjat”. Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista’ jitneħħa, imqar b’deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta’ telf pekunjarju ċjoè telf ta’ qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et *vs.* Carmelo Barbara et**[9]:

> “Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta’ min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta’ danni meta dan jista’ jitħares b’rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.”

Il-Qorti m’għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F’sentenzi oħrajn

[8] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech pro et noe *vs. Stephanie* Manfré** – Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.
[9] P.A., 13.05.2014.

il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb et noe *vs.* Marin Hili et noe** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".

Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92) u **Victor Mizzi *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited.**[10]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe *vs.* Stephanie Manfré**[11] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

[10] P.A., 28.01.2005.
[11] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi esplicitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[12];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[13]

---

[12] P.A., 25.01.2005.
[13] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[14]

**Ikkonsidrat:**

Permezz tat-talba tagħha għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni, is-soċjetà rikorrenti trid tikkawtela l-jeddijiet li hija għandha fuq proprjetà intellettwali, konsistenti f’*domain names* li kellhom jiġu reġistrati f’isimha fuq struzzjonijiet li hi tat lis-soċjetà intimata, *websites* tagħha, kif ukoll il-proprjetà ta’ servizzi tal-informatika li ġew akkwistati mingħand is-soċjetà intimata, u li s-soċjetà rikorrenti għandha bżonn biex tkun tista’ tiġġestixxi n-negozju tagħha permezz ta’ portali *online* li permezz tagħhom isiru jafu biha fost l-oħrajn klijenti prospettivi tagħha. Jirriżulta li minkejja li s-soċjetà rikorrenti hi s-sid ta’ din il-proprjetà intellettwali, din il-proprjetà hi effettivament ikkontrollata mis-soċjetà intimata. Il-Qorti semgħet lix-xhud Mark Cassar jikkonferma li s-soċjetà intimata effettivament għandha kontroll assolut fuq din il-proprjetà intellettwali kollha, u kien biss wara talba speċifika tas-soċjetà rikorrenti għal dan l-iskop, li s-soċjetà intimata għaddiet il-ġestjoni tas-sistema tal-posta elettronika (*emails*) lis-soċjetà rikorrenti. Is-soċjetà intimata kkonfermat ukoll li għadd ta’ *domains* li talbet ir-reġistrazzjoni tagħhom is-soċjetà rikorrenti, huma effettivament irreġistrati f’isem is-soċjetà intimata, liema stat ta’ fatt qiegħed jippreokkupa lis-soċjetà rikorrenti minħabba fil-possibilità li dawn

[14] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

jistgħu jintużaw, jiġu abbużati, jew jiġu ttrasferiti favur terzi, b'detriment għas-soċjetà rikorrenti. Is-soċjetà rikorrenti ressqet it-talba tagħha għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni stante li fis-sitwazzjoni preżenti, b'25% tad-*domain names* tagħha rreġistrati f'isem is-soċjetà intimata minflok f'isimha, spiċċat f'sitwazzjoni fejn tista' tiġi rikattata mill-parti l-oħra, li għandha pretensjoni ta' flejjes li tgħid li huma dovuti lilha mis-soċjetà rikorrenti, u li bil-mod kif għandha kontroll assolut fuq din il-proprjetà intellettwali tagħha tista' tbiegħ jew tittrasferixxi dawn id-drittijiet ad insaputa u għad-detriment tagħha. Is-soċjetà rikorrenti spjegat ukoll li hija qiegħda ssofri dannu kontinwu minħabba fil-mod kif dawn id-drittijiet effettivament jinsabu kkontrollati fl-intier tagħhom mis-soċjetà intimata, u tinsab f'sitwazzjoni fejn ma tistax tagħmel it-tibdil li tixtieq tagħmel anki sabiex tkun tista' taġġorna l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-klijenti tagħha.

Il-Qorti tqis illi l-jedd li qiegħda tittenta tikkawtela s-soċjetà rikorrenti permezz tal-Mandat huwa jedd fuq il-proprjetà intellettwali tagħha, li minkejja li ġestita mis-soċjetà intimata, tibqa' proprjetà tas-soċjetà rikorrenti. Is-soċjetà intimata laqgħet għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti billi qalet li hija ilha tipprovdi servizzi mingħajr ma titħallas għalihom, u li meta s-soċjetà rikorrenti avviċinat lis-soċjetà intimata, il-ftehim sar għax-xiri tas-sistema u l-għarfien u l-ġestjoni tagħha, u ġġustifikat il-fatt li dawn l-ismijiet ġew irreġistrati f'isimha billi qalet li s-soċjetà rikorrenti baqgħet ma ħallsithiex għas-servizzi reżi lilha fuq numru ta' snin. Il-Qorti kkonsidrat li f'każ li s-soċjetà intimata għandha pretensjoni ta' ħlas dovut lilha għas-servizzi pprestati minnha, hemm rimedju legali, li ċertament li ma jinkludix iż-żamma f'isimha ta' proprjetà li mhijiex tagħha, jew

li tirrifjuta li tirreġistra dawn id-*domain names* fuq is-soċjetà rikorrenti. Mad-daqqa t'għajn jidher li l-jedd tas-soċjetà rikorrenti għandu jiġi mħares, u dan billi s-soċjetà intimata milli żżomm f'isimha l-imsemmija *domain names*, jew tużahom, jew addirittura tbiegħhom lil terzi, għaliex f'każ li din ma tinżammx milli tagħmel dan, id-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti jkunu irrimedjabbli, kemm minħabba fil-ħsara li ssofri r-reputazzjoni tagħha, telf ta' negozju, u ksur ta' obbligi li din jista' jkollha ma' terzi partikolarment in vista tar-reġistrazzjonijiet li hemm ma' entitajiet internazzjonali. Huwa veru li s-soċjetà intimata jista' jkun li għandha pretensjoni fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti, iżda l-Qorti qieset li din għandha diversi rimedji kif tassigura l-ħlas ta' dak dovut lilha. Billi fiċ-ċirkostanzi jirriżultaw ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, il-Qorti sejra tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti.

**<u>Decide</u>**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti billi tinibixxi lis-soċjetà intimata milli tbiegħ, tittrasferixxi, jew b'xi mod tuża, iżżomm f'isimha, taċċessa jew tippermetti lil terzi jagħmlu l-istess, id-*domain names* li ntalbet tirreġistra mis-soċjetà rikorrenti, u dan sabiex jiġi evitat preġudizzju irrimedjabbli għall-istess soċjetà rikorrenti.**

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mis-soċjetà intimata.

Mogħti kameralment fid-19 ta' Diċembru, 2018.